

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Novembru 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2007/554/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5533)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/746/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

minn dak l-Istat Membru fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 fuq miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tħassar id-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/531/KEE u 91/665/KEE u li temenda d-Direttiva 92/46/KEE ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 60(2) u l-Artikolu 62(1) u (3) tagħha,

Billi:

(1) Wara t-tifqigħat reċenti tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-Gran Brittanja, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/554/KE tad-9 ta' Awissu 2007 rigward ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit ⁽⁴⁾ biex jissaħħu l-miżuri ta' kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer meħudin

⁽¹⁾ ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13, id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33; verżjoni kkorreġuta ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

⁽³⁾ ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

⁽⁴⁾ ĠU L 210, 10.8.2007, p. 36. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni 2007/709/KE (ĠU L 287, 1.11.2007, p. 29).

(2) Id-Deċiżjoni 2007/554/KE tistipula regoli applikabbli għad-dispaċċ miż-żoni ta' riskju għoli, elenkati fl-Anness I, u ż-żoni ta' riskju baxx elenkati fl-Anness II, ta' dik id-Deċiżjoni ("żoni ristretti"), fil-Gran Brittanja ta' prodotti kkunsidrati sikuri li, jew ġew prodotti qabel ma daħlu fis-seħħ ir-restrizzjonijiet fir-Renju Unit, minn materja prima li nkisbet barra minn dawn iż-żoni ristretti, inkella sarilhom trattament li huwa ppruvat effettiv għall-inattivazzjoni tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li possibbilment ikun fihom.

(3) Fid-Deċiżjoni 2007/664/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni 2007/664/KE, il-Kummissjoni stipulat ir-regoli għad-dispaċċ ta' ċerti kategoriji ta' laħam minn ċerti żoni elenkati fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/554/KE, kif emendata, fejn ma ġewx irreġistrati tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għallinqas għal perjodu ta' 90 jum qabel il-qtil u li jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet speċifikati.

(4) Fuq il-bażi ta' l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni sanitarja ta' l-annimali fir-Renju Unit, id-Deċiżjoni 2007/554/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2007/709/KE, u l-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/554/KE ġie mibdul, sabiex tkun tista' titkabbar iż-żona li minnha huma permessi l-esportazzjonijiet tal-laħam frisk, u d-data ta' applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni ġiet estiża sal-15 ta' Diċembru 2007.

(5) Ir-Renju Unit issa ddefinixxa żona ta' riskju għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ta' madwar 150 km madwar l-ewwel tifqigħa li hija s-suġġett ta' sorveljanza intensifikata biex jiġi vverifikat in-nuqqas ta' l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer f'dak l-Istat Membru. Din ma tinkludix żoni li bħalissa huma elenkati fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2004/554/KE. Dik iż-żona ta' 150 km għandha tiġi elenkata bħala żona ta' riskju għoli fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni wara l-implimentazzjoni ta' reġjonalizzazzjoni fejn iż-żoni elenkati fl-Anness II ġew definiti b'mod distint minn "Gran Brittanja".

- (6) L-emendi tal-listi ta' żoni ristretti fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2007/554/KE jinħtieġu sabiex ikun permess id-dispaċċ minn dawk iż-żoni elenkati fl-Anness II ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, bħal laħam, prodotti tal-laħam, ħalib, prodotti tal-ħalib u prodotti oħra ta' l-annimali, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni fir-rigward tal-projbizzjoni fuq id-dispaċċ ta' annimali ħajjin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom mill-Gran Brittanja kollha kemm hi, inkluż iż-żoni elenkati kemm fl-Anness I kif ukoll fl-Anness II.
- (7) Fl-interess taċ-ċarezza u l-konsistenza, jixraq ukoll li jiġu kkoreġuti ommissjonijiet żgħar fir-rigward ta' l-embrijuni fl-Artikolu 6 u biex id-diċitura ta' l-Artikolu 7 tiġi preċiżata aktar fir-rigward tal-prodotti mediċinali.
- (8) Wara t-tlestija b'riżultati sodisfaċenti tas-sorveljanza klinika u seroloġika mwettqa fiż-żona ta' sorveljanza biex tiġi kkonfermata l-assenza ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, ir-Renju Unit neħħa l-miżuri implimentati fiż-żona ta' sorveljanza madwar it-tifqigħat ikkonfermati fil-5 ta' Novembru 2007 skond l-Artikolu 44 tad-Direttiva 2003/85/KE.
- (9) L-Artikolu 60 tad-Direttiva 2003/85/KE jipprovdi li Stat Membru jista' jieħu lura l-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni u l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ladarba jitlestew ċerti miżuri stipulati f'dik id-Direttiva, u għallinqas wara li jkun għaddew tliet xhur mill-aħħar tifqigħa rreġistrata ta' dik il-marda, u n-nuqqas ta' infezzjoni tkun għiet ikkonfermata skond id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.
- (10) Fl-istess ħin, l-Artikolu 62 tad-Direttiva jippermetti modifika tal-miżuri meħtieġa biex jittieħed lura l-istat ta' ħelsien filwaqt li jinżammu biss restrizzjonijiet fuq iċ-ċaqliq ta' annimali ħajjin. Għalhekk, jixraq li dawk id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2007/554/KE li jirrigwardaw iċ-ċaqliq ta' annimali ħajjin, u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom, jibqgħu applikabbli sakemm il-kundizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikolu 60 tad-Direttiva 2003/85/KE jkun għew sodisfatti.
- (11) Il-perjodu ta' applikabilità tad-Deċiżjoni 2007/554/KE għandu għalhekk jittawwal sal-31 ta' Diċembru 2007, tliet xhur wara t-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari wara l-aħħar tifqigħa rreġistrata fit-30 ta' Settembru 2007. Fl-istess waqt, għandhom ikunu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet li jlimitaw l-applikazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali sad-data tal-15 ta' Diċembru 2007 kif kien maħsub qabel.
- (12) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2007/554/KE għandha tiġi emendata skond dan.
- (13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2007/554/KEE hija emendata kif ġej:

- (1) Il-paragrafi (8), (9), u (10) li ġejjin jiżdiedu ma' l-Artikolu 1:

“8. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit jistgħu jawtorizzaw it-trasport ta' annimali ħajjin ta' l-ispeċi bovina, ovina, kaprina u porċina u bijungulati oħrajn minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness II lejn stabbilimenti jew biċċeriji li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness I.

9. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit jistgħu jawtorizzaw it-trasport ta' annimali ħajjin ta' l-ispeċi bovina, ovina, kaprina u porċina u bijungulati oħrajn minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness I direttament, jew minn mhux iktar minn ċentru ta' assemblaġġ wieħed, taħt kontroll uffiċjali lejn biċċeriji deżinjati li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness II.

10. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit jistgħu jawtorizzaw it-trasport ta' annimali ħajjin ta' l-ispeċi bovina, ovina, kaprina u porċina u bijungulati oħrajn minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness I direttament u taħt kontroll uffiċjali lejn stabbilimenti deżinjati li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness II mingħajr ma jkollhom kuntatt ma' annimali bi stat sanitarju aktar baxx, bil-kundizzjoni li

- (a) l-annimali ma juru ebda sinjal kliniku tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fi spezzjoni immedjatament qabel jitgħabbew u jew:

- (i) kienu soġġetti b'riżultati negattivi għal test għall-antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer imwettaq fuq kampjun tad-demem li ttieħed fi żmien 10 ijiem qabel id-data ta' trasport; jew

(ii) ġejjin minn stabbiliment li kien soġġett b'riżultati negattivi għal sħarriġ seroloġiku skond protokoll xieraq għat-teħid tal-kampjuni biex jindividwa prevalenza ta' 5 % tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer b'livell ta' fiduċja ta' mill-inqas 95 %; or

(iii) ġejjin minn stabbiliment li jnsab f'żona elenkata fl-Anness III u jkunu konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

— l-annimali jkunu trabbew għallinqas għal 90 jum, jew mit-twelid jekk ikollhom inqas minn 90 jum, fi stabbilimenti li jnsabu fiż-żoni speċifikati fil-kolonna 1, 2 u 3 ta' l-Anness III, fejn ma kienx hemm tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għallinqas f'dak il-perjodu;

— matul il-21 jum qabel id-data tat-trasport l-annimali nżammu taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet veterinarji kompetenti fi stabbiliment wieħed li jkun jnsab fiċ-ċentru ta' ċirku madwar l-istabbiliment b'radju ta' għallinqas 10 km, fejn ma kienx hemm tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, għallinqas għal 30 jum qabel id-data tat-tagħbija.

— l-ebda annimal ta' speċi suxxettibli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma ġie introdott fl-istabbiliment imsemmi fit-tieni inċiż matul il-21 jum qabel id-data tat-tagħbija, għajr fil-każ ta' ħnieżer li ġejjin minn stabbiliment ta' forniment li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fit-tieni inċiż, u f'dan il-każ il-perjodu ta' 21 jum jista' jitnaqqas għal 7 ijiem;

(iv) ikunu annimali ħajjin ta' l-ispeċi porċina li jiċċaqilqu fi ħdan il-qafas ta' struttura piramida ta' riproduzzjoni minn stabbilimenti approvati għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni mill-awtorità kompetenti u li jnsabu fiċ-ċentru ta' ċirku madwar l-istabbiliment b'radju ta' għallinqas 10 km, fejn ma kienx hemm tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għallinqas għal 30 jum qabel id-data tat-tagħbija."

(2) L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Laħmijiet

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, 'laħmijiet' jinkludu 'laħam frisk', 'laħam ikkapuljat', 'laħam isseparat mekkani-kament' u 'preparazzjonijiet tal-laħam' kif definiti fil-punti 1.10, 1.13, 1.14 u 1.15 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

2. Ir-Renju Unit ma għandux jibgħat laħmijiet ta' l-ispeċi bovina, ovina, kaprina jew porċina u bijungulati oħrajn li ġejjin jew li nkisbu minn annimali li joriġinaw miż-żoni elenkati fl-Anness I.

3. Laħmijiet li mhumiex eliġibbli biex jintbagħtu mir-Renju Unit skond id-Deċiżjoni għandhom jiġu mmarkati fi qbil mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1), tad-Direttiva 2002/99/KE jew fi qbil mad-Deċiżjoni 2001/304/KE.

4. Il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għal laħmijiet li jkollhom marka sanitarja fi qbil mal-Kapitolu III tas-Sezzjoni I ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 854/2004, bil-kundizzjoni li:

(a) il-laħam ikun identifikat b'mod ċar, u ġie ttrasportat u maħżun mid-data tal-produzzjoni separatament minn laħam li mhuwiex eliġibbli, skond din id-Deċiżjoni, għal dispaċċ barra ż-żoni elenkati fl-Anness I;

(b) il-laħam ikun konformi ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikun inkiseb qabel il-15 ta' Lulju 2007; jew

(ii) ikun inkiseb minn annimali mrobbija għallinqas għal 90 jum qabel id-data tal-qtil, jew mit-twelid jekk ikollhom inqas minn 90 jum, u maqtula barra miż-żoni elenkati fl-Annessi I u II; jew fil-każ ta' laħam miksub minn speċi selvaġġi tal-kaċċa suxxettibli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ('speċi selvaġġi tal-kaċċa') maqtula, barra minn dawk iż-żoni; jew

(iii) ikun jikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (ċ), (d) u (e) u l-paragrafu 6;

(ċ) il-laħam inkiseb minn unġulati domestiċi jew minn annimali tal-kaċċa mrobbija ta' speċi suxxettibli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ('annimali tal-kaċċa mrobbija'), kif speċifikat għall-kategorija rispettiva tal-laħam f'waħda mill-kolonna xierqa 4 sa 7 fl-Anness III, u jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-annimali trabbew għal mill-inqas 90 jum qabel id-data tal-qtil, jew mit-twelid jekk ikollhom inqas minn 90 jum, fi stabbilimenti li jnsabu fiż-żoni speċifikati fil-kolonna 1, 2 u 3 ta' l-Anness III, fejn ma kienx hemm tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul mill-inqas dak il-perjodu;

(ii) matul il-21 jum qabel id-data ta' trasport lejn il-biċċerija, jew fil-każ ta' annimali tal-kaċċa mrobbija qabel id-data tal-qtil fir-razzett, l-annimali baqgħu taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet veterinarji kompetenti fi stabbiliment wieħed li jinsab fiċ-ċentru ta' ċirku b'radju ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbiliment, fejn ma kienx hemm tifqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul mill-inqas 30 jum qabel id-data tat-tagħbija;

(iii) l-ebda annimal ta' speċi suxxettibli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma ġie introdott fl-istabbiliment imsemmi fil-punt (ii) matul il-21 jum qabel id-data tat-tagħbija, jew fil-każ ta' annimali tal-kaċċa mrobbija qabel id-data tal-qtil fl-istabbiliment, minbarra fil-każ ta' annimali porċini li ġejjin minn stabbiliment ta' forniment li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (ii), u f'dan il-każ il-perjodu ta' 21 jum jista' jitnaqqas għal 7 ijiem;

Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-introduzzjoni fl-istabbiliment imsemmi fil-punt (ii) ta' annimali ta' speċi suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (i) u (ii) u li

— ġejjin minn stabbiliment fejn l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma ġie introdott matul il-21 jum qabel id-data tat-trasport lejn l-istabbiliment imsemmi fil-punt (ii), ħlief fil-każ ta' annimali porċini li ġejjin minn stabbiliment ta' forniment u f'dan il-każ il-perjodu ta' 21 jum jista' jitnaqqas għal 7 ijiem; jew

— kienu soġġetti b'riżultati negattivi għal test għall-antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer imwettaq fuq kampjun tad-demmi li ttieħed fi żmien 10 ijiem qabel id-data tat-trasport lejn l-istabbiliment imsemmi fil-punt (ii); jew

— ġejjin minn stabbiliment li kien soġġett b'riżultati negattivi għal sħarriġ seroloġiku skond protokoll xieraq għat-teħid tal-kampjuni biex jindividwa prevalenza ta' 5 % tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer b'livell ta' fiduċja ta' mill-inqas 95 %;

(iv) l-annimali jew, fil-każ ta' annimali tal-kaċċa mrobbija li nqatlu fl-istabbiliment, il-karkassi ġew ittras-

portati taħt kontroll uffiċjali f'mezzi tat-trasport li tnaddfu u ġew diżinfettati qabel it-tagħbija mill-istabbiliment imsemmi fil-punt (ii) lejn il-biċċerija deżinjata;

(v) l-annimali nqatlu f'inqas minn 24 siegħa wara l-ħin ta' wasla fil-biċċerija u separatament minn annimali li laħamhom mhuwiex eliġibbli għad-dispaċċ miż-żona elenkata fl-Anness I;

(d) il-laħam, jekk immarkat b'mod pożittiv fil-kolonna 8 ta' l-Anness III, inkiseb minn annimali tal-kaċċa selvaġġi, li nqatlu f'żoni fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' mill-inqas 90 jum qabel id-data tal-qtil u f'distanza ta' mill-inqas 20 km miż-żoni mhux speċifikati fil-kolonni 1, 2 u 3 ta' l-Anness III;

(e) Laħam imsemmi fil-punti (ċ) u (d) irid ukoll jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) id-dispaċċ ta' laħam bħal dan għandu jiġi awtorizzat biss mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti tar-Renju Unit, jekk l-annimali msemmija fil-punt (ċ)(iv) ġew ittrasportati lejn il-biċċerija mingħajr kuntatt ma' stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni mhux speċifikati fil-kolonni 1, 2 u 3 ta' l-Anness III;

(ii) il-laħam ikun f'kull mument identifikat b'mod ċar, ipproċessat, ittrasportat u maħżun separatament minn laħam li mhuwiex eliġibbli għad-dispaċċ miż-żoni elenkati fl-Anness I;

(iii) fl-ispezzjoni *post-mortem* mill-veterinarju uffiċjali fil-biċċerija tad-dispaċċ, jew fil-każ ta' qtil fl-istabbiliment stess għal annimali mrobbija tal-kaċċa fl-istabbiliment imsemmi fil-punt (c)(ii), jew fil-każ ta' annimali selvaġġi tal-kaċċa fl-istabbiliment li jipproċessa l-ispeċi tal-kaċċa, ma jkunux ġew stabbiliti sinjali kliniċi jew evidenza *post-mortem* tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;

(iv) il-laħam ikun baqa' fil-biċċerija jew l-istabbiliment imsemmija fil-punt (e)(iii) għal mill-inqas 24 siegħa wara l-ispezzjoni *post-mortem* ta' l-annimali msemmija fil-punti (ċ) u (d),

(v) kull preparazzjoni ulterjuri tal-laħam għad-dispaċċ 'il barra miż-żona elenkata fl-Anness I għandha tiġi sospiża:

- fil-każ fejn il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer tkun ġiet dijanjostikata fil-biċċerija jew l-istabbilimenti msemmija fil-punt (e)(iii), sakemm jitlestew kompletament il-qtil ta' l-animali kollha preżenti u t-nehhija tal-laħam u l-animali kollha, u jkunu għaddew mill-inqas 24 siegħa mit-tlestija tat-tindif u d-diżinfestazzjoni totali ta' dawk l-istabbilimenti taħt kontroll ta' veterinarju uffiċjali, u
- fil-każ ta' qtil fl-istess stabbiliment ta' animali suxxettibbli għal marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li ġejjin minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness I u li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 4(c) jew (d), sakemm jitlestew it-tbiċċir ta' dawn l-animali u t-tindif u d-diżinfestazzjoni ta' dawk il-biċċerija jew l-istabbilimenti taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali;
- (vi) l-awtoritajiet veterinarji ċentrali għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni lista ta' dawk l-istabbilimenti u l-biċċeriji li huma jkunu approvaw għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tal-punti (c), (d) u (e).
5. Il-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 3 u 4 għandha tiġi ċċekkjata mill-awtorità veterinarja kompetenti taħt is-supervizzjoni ta' l-awtoritajiet veterinarji ċentrali.
6. Il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal-laħam frisk minn animali ta' l-ispeċi bovina, ovina, kaprina u porċina u bijungulati oħrajn imrobbija barra ż-żoni elenkati fl-Anness I u ttrasportati, b'deroga mill-Artikolu 1(2) u (3), direttament u taħt ikontroll uffiċjali mingħajr kuntatt ma' stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness I lejn biċċerija li tinsab fiż-żoni elenkati fl-Anness I għall-qtil immedjat, sakemm il-laħam ikun jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-laħam kollu bħal dan jeħtieġli jkollu fuqu l-marka sanitarja fi qbil mal-Kapitolu III tas-Sezzjoni I ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004/KE;
- (b) il-biċċerija
- (i) tkun operata taħt kontroll veterinarju strett;
- (ii) tissospendi kull preparazzjoni ulterjuri ta' laħam għal dispaċċ 'il barra miż-żoni elenkati fl-Anness I
- fil-każ fejn fl-istess biċċerija jinqatlu animali suxxettibbli għal marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li ġejjin minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni elenkati fl-Anness I, sakemm jitlestew il-qtil ta' dawn l-animali u t-tindif u d-diżinfestazzjoni ta' l-istabbiliment taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali;
- (c) il-laħam frisk ikun identifikat b'mod ċar, u jkun ittrasportat u maħżun separatament minn laħam li mhuwiex eliġibbli biex jintbagħat barra mir-Renju Unit.
- Il-konformità mal-kundizzjonijiet imniżżla fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi ċċekkjata mill-awtorità veterinarja kompetenti taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet veterinarji ċentrali.
- L-awtoritajiet veterinarji ċentrali għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra lista ta' l-istabbilimenti li huma jkunu approvaw għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.
7. Il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għal-laħam frisk miż-żoni elenkati fiż-żoni elenkati fl-Anness I bil-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) fl-istess jum, f'dak l-impjant tat-tqattigħ jiġi pproċessat biss laħam frisk kif deskritt fil-paragrafu 4(b) u l-paragrafu 6. Wara l-iproċessar ta' kwalunkwe laħam li ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti, għandhom isiru t-tindif u d-diżinfestazzjoni;
- (b) il-laħam kollu għandu jkollu fuqu l-marka sanitarja fi qbil mal-Kapitolu III tas-Sezzjoni I ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 854/2004/KE;
- (c) l-impjant tat-tqattigħ ikun imħaddem taħt kontroll veterinarju strett,
- (d) il-laħam frisk ikun identifikat b'mod ċar, u jkun ittrasportat u maħżun separatament minn laħam li mhuwiex eliġibbli biex jintbagħat barra miż-żoni elenkati fl-Anness I.
- Il-konformità mal-kundizzjonijiet imniżżla fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi ċċekkjata mill-awtorità veterinarja kompetenti taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet veterinarji ċentrali.

L-awtoritajiet veterinarji ċentrali għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni lista ta' l-istabbilimenti li huma jkunu approvaw għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

8. Laħam miġħut mir-Renju Unit lejn Stati Membri oħra għandu jkun akkumpanjat minn ċertifikat uffiċjali, li jkollu l-kliem li ġejjin:

“Laħam konformi mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/554/KE tad-9 ta' Awissu 2007 rigward ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit.”

(3) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-projbizzjoni mniżżla fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal prodotti tal-laħam li jkollhom il-marka sanitaria fi qbil mal-Kapitolu III tas-Sezzjoni I ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, bil-kundizzjoni li l-prodotti tal-laħam:

(a) ikunu identifikati b'mod ċar u jkunu ġew ittrasportati u maħżuna mid-data tal-produzzjoni separatament minn prodotti tal-laħam li mhumiex eliġibbli, skond din id-Deċiżjoni, għal dispaċċ barra ż-żoni elenkati fl-Anness I;

(b) ikunu konformi ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) jw ikunu magħmula minn laħmijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4)(b) jew (6), jew

(ii) ikunu għaddew minn talanqas wieħed mit-trattamenti rilevanti stipulati għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-Parti 1 ta' l-Anness III tad-Direttiva 2002/99/KE.

Il-konformità mal-kundizzjonijiet imniżżla fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi ċċekkjata mill-awtorità veterinarja kompetenti taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet veterinarji ċentrali.

L-awtoritajiet veterinarji ċentrali għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni lista ta' l-istabbilimenti li huma jkunu approvaw għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.”

(4) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-projbizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) semen, ova u embrijuni prodotti qabel il-15 ta' Lulju 2007;

(b) semen u embrijuni ffriżati tal-bovini, semen iffriżat tal-porċini, u semen u embrijuni ffriżati ta' l-ovini u l-kaprini impurtati fir-Renju Unit skond il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttivi 88/407/KEE, 89/556/KEE, 90/429/KEE jew 92/65/KEE rispettivament, u li, minn żmien l-introduzzjoni tagħhom fir-Renju Unit, inħażnu u ġew ittrasportati separatament minn semen, ova u embrijuni li mhumiex eliġibbli għad-dispaċċ skond il-paragrafu 1;

(ċ) semen u embrijuni ffriżati miksuba minn animali bovini, porċini, ovini u kaprini li, għal mill-inqas 90 jum qabel id-data tal-ġbir u waqtu, inżammu fiż-żoni elenkati fl-Anness II jew ġew imċaqlaq lejn żoni elenkati fl-Anness II minn żoni barra l-Anness I matul id-90 jum qabel id-data tal-ġbir u li:

(i) inħażnu f'kundizzjonijiet approvati għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ; u

(ii) inġabru minn animali donaturi li kienu f'ċentri jew fi stabbilimenti li:

— kienu ħielsa mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' għallinqas 90 jum qabel u sa għallinqas 30 jum wara d-data tal-ġbir tas-semen jew l-embrijuni; u

— jkunu jinsabu fiċ-ċentru ta' ċirku madwar iċ-ċentru jew l-istabbiliment b'radju ta' għallinqas 10 km li fih ma kien hemm ebda każ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għallinqas għal 30 jum qabel id-data tal-ġbir.

Qabel id-dispaċċ tas-semen jew l-embrijuni msemmija fil-punti (a), (b) u (ċ) l-awtoritajiet veterinarji ċentrali għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni lista ta' ċentri u timijiet approvati għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.”

(5) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal ġlud li:

(a) jkunu ġew prodotti fir-Renju Unit qabel il-15 ta' Lulju 2007; jew

— konformi mar-rekwiżiti tal-Parti A(1) tal-Kapitolu II ta' l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, u

(b) ikunu konformi mar-rekwiżiti skond il-punt (2)(ċ) jew (d) tal-Parti A tal-Kapitolu VI ta' l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002; jew

— inħażnu u ġew ittrasportati separatament minn prodotti ta' l-annimali li mhumiex eliġibbli għad-dispaċċ skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 2(2);”

(ċ) kienu prodotti barra ż-żoni elenkati fl-Anness I skond il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002, u mill-introduzzjoni nħażnu u ġew ittrasportati separatament minn ġlud li mhumiex eliġibbli għal dispaċċ skond il-paragrafu 1; jew

(7) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

(d) kienu prodotti minn annimali maqtula f'biċċerija, jew fil-każ ta' annimali tal-kaċċa mrobbija maqtula fi stabiliment, jew fil-każ ta' annimali tal-kaċċa selvaġġi maqtula, għall-produzzjoni tal-laħam skond l-Artikolu 2(4)(b) jew l-Artikolu 2(6),

“7. B'deroga mill-paragrafu 3, fil-każ ta' prodotti msemmija fil-paragrafu 2(i) u (j), għandu jkun biżżejjed li jkunu akkumpanjati minn dokument kummerċjali li jiddikjara li l-prodotti jkunu għall-użu bħala reaġenti dijanjostiċi in-vitro tal-laboratorju, prodotti mediċinali jew tagħmir mediku, bil-kundizzjoni li l-prodotti jkollhom tikketta li tgħid ċar 'għall-użu dijanjostiku in-vitro biss' jew 'għall-użu fil-laboratorju biss' bħala 'prodotti mediċinali' jew bħala 'tagħmir mediku.’”

Ġlud ittrattati għandhom jiġu sseparati minn ġlud mhux ittrattati.”

(8) L-ewwel sentenza ta' Artikolu 9(2) tindidel b'dan li ġej:

(6) Fl-Artikolu 8(2), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

“2. Fil-każ ta' prodotti għal bejgħ bl-innut lill-konsumatur finali, l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit jistgħu jawtorizzaw kunsinni konsolidati ta' prodotti ta' l-annimali, li kull wieħed minnhom ikun eliġibbli għal dispaċċ skond din id-Deċiżjoni, li jkunu akkumpanjati minn dokument kummerċjali approvat bl-hemża ta' kopja ta' ċertifikat veterinarju uffiċjali li jikkonferma li:”

“(a) prodotti ta' l-annimali li:

(i) kienu soġġetti għal trattament tas-sħana:

(9) L-Artikolu 17 jinbidel b'dan li ġej:

— trattament bis-sħana f'kontenitur ermetikament issiġillat b'valur Fo ta' 3.00 jew aktar, jew

“Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2007.

— trattament bis-sħana li fih it-temperatura ċentrali titla' sa talanqas 70 °C; jew

Madankollu, il-projbizzjonijiet fuq id-dispaċċ stipulati fl-Artikoli 2, 3, 4, 5, 7 u 8 kif ukoll id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 9 u 11 marbuta ma' dawn il-projbizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 14 għandhom japplikaw sal-15 ta' Diċembru 2007.”

(ii) kienu prodotti barra ż-żoni elenkati fl-Anness I skond il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002, u minn mill-introduzzjoni nħażnu u ġew ittrasportati separatament minn prodotti ta' l-annimali mhux eliġibbli għal dispaċċ skond il-paragrafu 1; or

(10) L-Annessi I, II u III jinbidlu bit-test fl-Anness.

(iii) kienu prodotti minn annimali maqtula f'biċċerija, jew fil-każ ta' annimali tal-kaċċa mrobbija maqtula fi stabiliment, jew fil-każ ta' annimali tal-kaċċa selvaġġi maqtula, għall-produzzjoni tal-laħam skond l-Artikolu 2(4)(b) jew l-Artikolu 2(6), u

Artikolu 2

Implimentazzjoni

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-kummerċ b'xi iġibuhom konformi ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 19 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

"ANNEX I

Iż-żoni li ġejjin fir-Renju Unit:

1	2	3
GRUPP	ADNS	Unità Amministrattiva
L-Ingilterra	41	Bracknell Forest
	42	Brighton and Hove
	49	City of Southampton
	56	Luton
	57	Medway
	59	Milton Keynes
	63	Reading
	66	Slough
	67	Southend-on-Sea
	70	Swindon
	72	Thurrock
	75	West Berkshire
	76	Windsor and Maidenhead
	77	Wokingham
	135	City of Portsmouth
	137	Bedfordshire County
	138	Buckinghamshire County
	139	Cambridgeshire County
	145	East Sussex County
	146	Essex County
	147	Gloucestershire County
	148	Hampshire County
	149	Hertfordshire County
	150	Kent
	155	Northamptonshire County
	158	Oxfordshire County
	163	Surrey
	164	Warwickshire County
165	West Sussex County	
166	Wiltshire County	
168	London	

ANNEX II

Iż-żoni li għejjin fir-Renju Unit:

1	2	3
GRUPP	ADNS	Unità Amministrattiva
Il-Gżejjer Skoċċiżi	131	Shetland Islands
	123	Orkney Islands
	124	NA H-Eileanan An Iar
L-Iskozja	121	Highland
	122	Moray
	126	Aberdeenshire
	128	Aberdeen City
	79	Angus
	81	Dundee City
	80	Clackmannanshire
	90	Perth & Kinross
	127	Fife
	85	Falkirk
	88	Midlothian
	96	West Lothian
	129	City of Edinburgh
	130	East Lothian
	92	Scottish Borders
	94	Stirling
	125	Argyll and Bute
	83	East Dunbartonshire
	84	East Renfrewshire
	86	City of Glasgow
87	Inverclyde	
89	North Lanarkshire	
91	Renfrewshire	
93	South Lanarkshire	
95	West Dunbartonshire	
82	East Ayrshire	
132	North Ayrshire	
133	South Ayrshire	
134	Dumfries & Galloway	
L-Ingilterra	141	Cumbria
	169	Northumberland
	10	Gateshead
	16	Newcastle upon Tyne
	17	North Tyneside
	26	South Tyneside
	29	Sunderland
	144	Durham
	52	Darlington
	55	Hartlepool
	58	Middlesbrough
	64	Redcar and Cleveland
	69	Stockton-on-Tees
151	Lancashire	
38	Blackburn with Darwen	
39	Blackpool	

1	2	3
GRUPP	ADNS	Unità Amministrattiva
	176 177 78	North Yorkshire excluding Selby Selby District York
	53 45 60 61	East Riding of Yorkshire City of Kingston upon Hull North East Lincolnshire North Lincolnshire
	32 11 6 4 13	West Yorkshire consisting of Wakefield District Kirklees District Calderdale District Bradford Leeds
	1 8 20 24	South Yorkshire consisting of Barnsley District Doncaster District Rotherham District Sheffield District
	30 18 19 5 3 21 31 15 27 34	Greater Manchester consisting of Tameside District Oldham District Rochdale District Bury District Bolton District Salford District Trafford District Manchester District Stockport District Wigan District
	12 14 23 28 74	Merseyside consisting of Knowsley District Liverpool District Sefton District St. Helens District Warrington
	140 54 35	Cheshire County Halton Wirral District
	142 44	Derbyshire County City of Derby
	157 47	Nottinghamshire County City of Nottingham
	153	Lincolnshire
	159 71	Shropshire Telford and Wrekin
	161 50	Staffordshire County City of Stoke-on-Trent
	170 73 136	Devon County Torbay Plymouth
	171	Cornwall County
	143	Dorset County
	62	Poole

1	2	3
GRUPP	ADNS	Unità Amministrattiva
	40	Bournemouth
	160	Somerset County
	120	North Somerset
	37	Bath and North East Somerset
	43	City of Bristol
	68	South Gloucestershire
	51	Herefordshire County
	167	Worcestershire County
	9	Dudley District
	2	Birmingham District
	22	Sandwell District
	36	Wolverhampton District
	33	Walsall District
	25	Solihull District
	7	Coventry District
	152	Leicestershire County
	46	City of Leicester
	65	Rutland
	48	City of Peterborough
	154	Norfolk County
	162	Suffolk County
	172	Isles of Scilly
	114	Isle of Wight
Wales	115	Sir Ynys Mon — Isle of Anglesey
	116	Gwynedd
	103	Conwy
	108	Sir Ddinbych-Denbigshir
	111	Sir Y Fflint-Flintshire
	113	Wrecsam-Wrexham
	173	North Powys
	174	South Powys
	118	Sir Ceredigion-Ceredigion
	110	Sir Gaerfyrddin-Carmarthen
	119	Sir Benfro-Pembrokeshire
	97	Abertawe-Swansea
	102	Castell-Nedd Port Talbot-Neath Port Talbot
	105	Pen-y-Bont Ar Ogwr — Bridgend
	107	Rhondda/Cynon/Taf
	99	Bro Morgannwg — The Vale of Glamorgan
	98	Bleanau Gwent
	112	Tor-Faen — Tor Faen
	101	Casnewydd — Newport
	104	Merthyr Tudful-Merthyr Tydfil
	100	Caerffili — Caerphilly
	117	Caerdydd — Cardiff
	109	Sir Fynwy — Monmouthshire

ANNEX III

Iż-żoni li ġejjin elenkati fl-Anness I għandu jkollhom l-istatus ta' żoni elenkati fl-Anness III:

1	2	3	4	5	6	7	8
GRUPP	ADNS	Unità Amministrattiva	B	S/G	P	FG	WG
L-Ingilterra	42	Brighton and Hove	+	+	+	+	
	56	Luton	+	+	+	+	
	57	Medway	+	+	+	+	
	59	Milton Keynes	+	+	+	+	
	67	Southend-on Sea	+	+	+	+	
	72	Thurrock	+	+	+	+	
	75	West Berkshire	+	+	+	+	
	137	Bedfordshire	+	+	+	+	
	145	East Sussex County	+	+	+	+	
	146	Essex County	+	+	+	+	
	149	Hertfordshire County	+	+	+	+	
	150	Kent	+	+	+	+	
	158	Oxfordshire County	+	+	+	+	
	166	Wiltshire County	+	+	+	+	
	147	Gloucestershire County	+	+	+	+	
	139	Cambridgeshire County	+	+	+	+	
	155	Northamptonshire County	+	+	+	+	
164	Warwickshire County	+	+	+	+		
70	Swindon	+	+	+	+		

ADNS = *Animal Disease Notification System Code* - Kodiċi ta' Sistema ta' Notifikazzjoni għall-Mard ta' l-Annimali (Deċiżjoni 2005/176/KE)

B = laħam tal-bovini

S/G = laħam tan-ngħaġ u l-mogħoż [laħam ta' annimali ovini u kaprini]

P = laħam tal-majjal [laħam ta' annimali porċini]

FG = annimali tal-kaċċa mrobbija suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer

WG = annimali slavaġ tal-kaċċa suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer"